**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE--ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 2 t'April 2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**vs**

**Abdiqadir Abdullahi Abdirashid**
**Daud Shiek Ahmed**
**Muse Mohammed Shiraq**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Abdiqadir Abdullahi Abdirashid ta' disgħa u tletin (39) sena, imwieled is-Somalja, fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elf disa' mija ħamsa u tmenin (1985), iddikjarat li jirrisjedi ġewwa HTV, Qasam Industrijali, Ħal Far - Birżebbuġa u detentur tad-dokument tal-ażil bin-numru Refcom 28504 u Numru tal-Pulizija 19HH-013;

Daud Shiek Ahmed ta' tletin (30) sena, imwieled is-Somalja, fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995), iddikjarat li jirrisjedi ġewwa HTV, Qasam

Industrijali, Ħal Far - Birżebbuġa u detentur tad-dokument tal-ażil bin-numru Refcom 13244 u numru tal-Pulizija 12L-058 ;

Muse Mohammed Shiraq ta' tletin (30) sena, imwieled is-Somalja, fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995), iddikjarat li jirrisjedi ġewwa HOC, Qasam Industrijali, Ħal Far - Birżebbuġa u detentur tad-dokument tal-ażil bin-numru Refcom 94410 u numru tal-Pulizija 20C-055

Akkuzati talli bejn il-lejl tal-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u it-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) ġewwa Triq il-Kartaġiniżi, Birżebbuġa, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommettew serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-ħin u bil-valur, liema valur jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Anil Pande u/jew persuni oħra u/jew entita' oħra;

U, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, Muse Mohammed Shiraq waħdu akkuzat talli bejn il-lejl tal-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u it-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) ġewwa Triq il-Kartaġiniżi, Birżebbuġa, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor, u ċioe ta' Anil Pande, f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anil Pande, liema offiża giet magħmula bi strument li jaqta' jew inigg eż;

U, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, Muse Mohammed Shiraq u Daud Shiek Ahmed flimkien akkuzati talli, nhar l-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00) u d-disgħa ta' filgħaxija (21:00) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa Raħal Ġdid u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin

3. Ikkommettew serq ta’ oġġetti u/jew flus , liema serq huwa kwalifikat bil-ħin u bil-valur, liema valur jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta’ Golam Ahmmad Porag u/jew persuni oħra;

U, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, Muse Mohammed Shiraq u Daud Shiek Ahmed flimkien akkuzati talli nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), għall-ħabta ta’ bejn it-tmienja ta’ filgħaxija (20:00) u l-għaxra ta’ filgħaxija (22:00) u/jew fil-ħinijiet ta’ qabel, ġewwa Triq Bormla, Raħal Ġdid u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer Maltin;

4. Ikkommettew serq ta’ oġġetti u/jew flus , liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-ħin u bil-valur, liema valur jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta’ Rejin Rajeev u/jew persuni oħra;

5. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamlu lil Rejin Rajeev u/jew persuni oħra inġurji jew theddid mhux imsemmijin band’oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk ikun ipprovokat, inġurjaw b’mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

   U lil Daud Shiek Ahmed waħdu:

6. Fit-tnejn (2) ta’ Jannar u fil-ġimghat u xhur ta’ qabel, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan b’sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, fil-każ ta` ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-Liġi, meta tagħti s-sentenza jew f’kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta` parti mill-ispejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri, f’dak iż-żmien u f’dak l-ammont bħal ma jkun ġie

stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jista' jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni.

Il-Qorti giet mitluba *pendente lite* tħaddem l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-benefiċċju tal-vittmi, u kemm-il darba tinstab ħtija fl-imputati, u tħaddem l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025 gie registrat is-segwenti verbal:

*"F'dan l-istadju t-tlett imputati qeghdin jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom hlief li fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni ghalkemm huma qed jammettu li kkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anil Pande, huma qed jikkontestaw li din il-ferita ta' natura gravi iggib ukoll il-konsegwenzi imsemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.*

*Ghal din ir-raguni, l-avukati difensuri qed jitolbu li jinhatar espert mediku minn din il-Qorti sabiex jezamina lil Anil Pande sabiex jiddetermina l-entita tal-ferita u in partikoli jekk din iggibx il-konsegwenzi imsemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.*

*Il-Qorti tilqa' t-talba u qed tahtar lil Dr Mario Scerri sabiex jezamina mill-aktar fis possibbli lil Anil Pande u jirrelata dwar il-ferita li sofra fuq wiccu u in partikolari jekk l-isfregju huwiex ta' natura gravi u permanenti."*

4. Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2025, il-Qorti semghet ix-xhieda tal-espert Dottor Mario Scerri u rat ir-rapport ezebit minnu.

5. Rat li fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2025 gie registrat is-segwenti verbal:

*"F'dan l-istadju it-tlett imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom b'dan li huma ammettew li l-feriti gravi huma ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali u ma jgibux il-konsegwenzi imsemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.*

*Il-Qorti wissiet lit-tlett imputati bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghhom u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom hija ghall-imputat Abdiqadir Abdullah Abdirashid disa' (9) snin prigunerija, ghall-imputat Daud Shiek Ahmed ghoxrin (20) sena prigunerija u ghall-imputat Muse Mohamed Shiraq tnax (12)-il sena prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputati jikkonsultaw mal-avukati difensuri taghhom biex jaraw jekk iridux jirrevedu l-pozizzjoni taghhom.*

*Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat Abdiqadir Abdullah Abdirashid jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv u mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu hu wiegeb li jikkonferma l-ammissjoni tieghu.*

*Il-Qorti staqsiet lill-imputat Daud Shiek Ahmed jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv u mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu hu wiegeb li qed jirtira l-ammissjoni tieghu.*

*Il-Qorti staqsiet lill-imputat Muse Mohammed Shiraq jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv u mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu hu wiegeb li jikkonferma l-ammissjoni tieghu.*

*Il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi mhux qed tikkontesta fil-konfront tal-imputati Abdiqadir Abdullah Abdirashid u Muse Mohhamed Shiraq li l-feriti gravi ma jgibux il-konsegweni kontemplati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.*

*F'dan l-istadju l-avukat Dr Victor Bugeja informa l-Qorti li l-imputat Daud Shiek Ahmed kien qed jerga jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu u ghalhekk il-Qorti regghet issospediet is-seduta.*

*Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti regghet staqsiet lill-imputat Daud Shiek Ahmed jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv u mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu hu wiegeb li jikkonferma l-ammissjoni tieghu.*

*Il-prosekuzzjoni iddikjarat illi mhux qed tikkontesta fil-konfront tal-imputat Daud Shiek Ahmed li l-feriti gravi ma jgibux il-konsegwenzi kontemplati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali."*

6. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni taghhom stess, il-Qorti issib lit-tlett imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront ta' kull wiehed minnhom.

8. Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputati ikkoperaw mal-Pulizija, u irregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk huma ma hlewx il-hin u r-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti.

9. Il-Qorti ikkonsidrat li l-ewwel imputazzjoni hija serja hafna stante li s-serq kien ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-hin u bil-valur, izda wkoll bil-vjolenza mhux biss numerika, izda ukoll ghax waqt is-serq it-tlett imputati ikkagunaw ferita gravi fuq wicc Anil Pande. Kif diga inghad, il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi mhux qed tikkontesta li l-feriti gravi ikkagunati mit-tlett imputati ma jgibux il-konsegwenzi kontemplati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tqis li l-ferita hija wahda gravi ai termini tal-Artikolu 216 biss.

10. Pero il-Qorti tqis li tenut kont tan-natura serja tal-ewwel imputazzjoni, l-piena idonea ghandha tkun wahda ta' habs effettiv. Certament mhux accettabli f'socjeta civili, li taxi driver li jkun ghal kwiet jaqdi d-doveri tieghu, mhux biss jigi misruq, izda addirittura aggredit u ferut b'mod gravi.

11. Il-Qorti tqis li t-tieni imputazzjoni fil-konfront tal-imputat Muse Mohammed Shiraq ta' ferita gravi fuq il-persuna, hija kompriza u involuta fl-ewwel imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat *inter alia* bil-vjolenza.

12. Daud Shiek Ahmed u Muse Mohammed Shiraq ammettaw li huma hatja wkoll tat-tielet, r-raba' u l-hames imputazzjonijiet li jirrelataw zewg serqiet ohra, it-tnejn li huma ikkwalifikati bil-valur u bil-hin, wahda minnhom bil-vjolenza wkoll, liema vjolenza tikkonsisti f'theddid bi flixkun tal-hgieg imkisser.

13. Ghal finijiet ta' piena, il-Qorti tqis li l-hames imputazzjoni li tirrigwarda l-kontravvenzjoni ta' theddid, hija kompriza u involuta fir-raba' imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat *inter alia* bil-vjolenza.

13. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputati Abdiqdir Abdullahi Abdirashid u Muse Mohammed Shiraq ghandhom fedina penali netta, ghal perjodu li fih kienu joqghodu Malta.

14. Min-naha l-ohra, l-imputat Daud Shiek Ahmed ghandu tlett sentenzi fil-konfront tieghu minn dawn il-Qrati: zewg kundanni ghal pussess semplici ta' sustanzi illeciti, kundanna li ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, kif ukoll kundanna ghall-kontravvenzjonijiet talli hebb ghal persuna ohra u li hedded l-istess persuna. Huwa diga skonta perjodu globali ta' sena prigunerija u xaharejn ohra detenzjoni. Fil-fatt, f'dawn il-proceduri l-imputat Daud ammetta li huwa recidiv.

16. It-tlett serqiet mertu tal-kawza odjerna, l-imputati serqu mobile. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur l-ispettur Stephen Gulia ma jirrizultax li xi wiehed minn dawn it-tlett mobiles instab meta saret it-tfittixija fil-post fejn jghixu l-imputati. Il-Qorti tirrileva li t-tlett imputati jghixu fit-Tent Village ta' Hal-Far u t-tlieta li huma iddikjaraw waqt l-ezami

taghhom li ma jahdmux. Ghalhekk ma hemm l-ebda prosprett realistiku li dawn ser ihallsu lit-tlett derubati l-valur tal-mobile misruq lilhom.

**Konkluzjoni**

17. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

*Fil-Konfront tal-Imputat Abdiqadir Abdullahi Abdirashid*

1. Wara li rat l-Artikoli 261(a), (c), (f) u (g), 262(1)(a) u (b), 267, 270, 271(g), 274(b) u 277(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Abdiqadir Abdullahi Abdirashid hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena ta' karcerarja ta' erba' (4) snin.

*Fil-Konfront tal-Imputat Daud Shiek Ahmed*

2. Wara li rat l-Artikoli 261(a), (c), (f) u (g), 262(1)(a) u (b), 267, 270, 271(g), 274(b), 277(a), 261(c) u (f), 267, 270, 279(a), 280(1), 261(a)(c) u (f), 262(1)(a), 267, 270, 276, 277(a), 339(1)(e), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Daud Shiek Ahmed hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) snin.

*Fil-Konfront tal-Imputat Muse Mohammed Shiraq*

3. Wara li rat l-Artikoli 261(a), (c), (f) u (g), 262(1)(a) u (b), 267, 270, 271(g), 274(b), 277(a), 214, 216(1)(b), 217, 261(c) u (f), 267, 270, 279(a), 280(1), 261(a)(c) u (f), 262(1)(a), 267, 270, 276, 277(a) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Muse Mohammed Shiraq hati tal-ewwel, it-

tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hames (5) snin.

*Fil-Konfront tat-Tlett Imputati*

4. Inoltre, il-Qorti tordna lil kull wiehed mit-tlett hatja ihallas l-ammont ta' mija u tnejn u ghoxrin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€122.53) rapprezentanti terz kull wiehed tal-ispejjez totali li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw fit-totalita taghhom ghas-somma ta' tlett mija sebgha u sittin Euro u sittin centezmu (€367.60). Kull wiehed mill-hatja ghandu jhallas dan l-ammont ta' €122.53 fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk xi hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

18. Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**